MINUTI
KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA
KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ

LAQGHA NUMRU WIEĦED

6 ta' Lulju, 2010

Il-Membri kif eletti fl-ewwel leġislatura tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is- Sindku Silvio Izzi Savona, il-membri eletti s-Sinjuri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja, Pierre Farrugia, Maria Schembri, Joseph Caruana.

UFFIĊJAL PREŻENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

MINUTI

Is-Sindku Silvio Izzi Savona ppresjeda.

## 1.1 Konferma għall- ħatra taċ-Chairperson

1.1.1 Is-Segretarju Eżekuttivi laqgħat lill-Membri eletti għall-ewwel laqgħa fl-ewwel leġislatura, filwaqt li nfurmat lill-membri bil-proċess tal-ħatra taċ-Chairperson u tal-Viċi Chairperson.

1.1.2 Is-Sur Pierre Farrugia ġie ddikjarat Chairperson billi hu l-aktar membru li ġab voti minn fost il-membri eletti tal-partit politiku fil-maġġoranza tal-Kumitat Amministrattiv.

## 1.2 Aċċettazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-ħatra miċ-Chairperson

1.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia aċċetta l-kariga ta' Chairperson u għadda l-ittra ta' aċċetazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv.

1.2.2 Iċ-Chairperson ppresjeda l-laqgħa filwaqt li ndirizza lill-Kumitat Amministrattiv.

1.2.3 Iċ-Chairperson irringrazzja lis-Sotto Kumitat li kien ħadem qabel dan il-Kumitat Amministrattiv u qal li beħsiebu jkompli fuq dak li ħadmu ta' qablu. Hu żied jgħid li għalkemm il-ġonna proposti mill-Kunsill għall-Bubaqra ħadu fit-tul biex jinbdew, hu jaqbel mal-Kunsill fuq l-ispejjeż.

1.2.4 Iċ-Chairperson qal li kellu taħdidiet biex isiru t-toroq ta' madwar il-proġetti tal-ġonna f'Bubaqra u kellu informazzjoni li jekk il-Kumitat jiġbor stima tat-toroq tal-madwar, il-Ministeru lest li jagħti tali toroq bit-tarmak. Hu żied jgħid li bejn Awwissu u Settembru ser tinħareġ tender għal Triq San Bastjan u parti minn Triq Dun Nard Mallia.

## 1.3 Konferma għall-ħatra ta' Viċi Chairperson

1.3.1 Il-membru Maria Schembri kienet iddikjarata Viċi Chairperson billi kienet it-tieni li l-aktar li ġabet voti mill-partit politiku li għandu l-maġġoranza tal-Membri eletti fil-Kumitat Amministrattiv.

## 1.4 Aċċettazzjoni ta' dikjarazzjoni tal-ħatra mill-Viċi Chairperson

1.4.1 Il-membru Maria Schembri aċċettat il-kariga ta' Viċi Chairperson billi tagħt l-ittra ta' aċċetazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv.

1.4.2 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri għamlet id-diskors ta' introduzzjoni billi qalet li j'Alla kulħadd jaħdem għal ġid ta' Bubaqra u ż-Żurrieq kollu u li l-kumitat ikompli itejjeb fuq dak li sar qabel.

1.4.3 Il-membru Joseph D'Amato f'isem is-Sotto Kumitat ta' Bubaqra fi ħdan il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq qal li japprezza r-ringrazzjament taċ-Chairperson u tal-Viċi Chairperson u żied jgħid li dawk li kienu

jgħinu fis-Sotto Kumitat kienu jgħinu senza interessi u ma kienux f'isem xi partit politiku. Hu qal li hu lest li jkompli jaħdem għal ġid ta' kulħadd u jixtieq li kulħadd jiġbed ħabel wieħed biex iż-Żurrieq jieħu kemm jista.

1.4.4 Il-membru Joseph D'Amato qal li l-importanti hu li l-Kumitat jara l-parametri sew ta fejn jista jasal. Hu qal li qatt ma qabel u ma jaqbilx li xogħol li suppost isir mill-Gvern, jipprova jagħmlu l-Kunsill jew il-Kumitat Amministrattiv. Il-membru Joseph D'Amato qal li hu f'isem il-Kunsill kellu diversi laqgħat mal-Perita nvoluti fit-toroq għal tarmakk bħal Perit David Vassallo, Perit Edrick Micallef, Perit Silvio Farrugia u l-Perit Graziella Galea. Barra li hu f'isem il-Kunsill kellem lil dawn il-perita, mar oltre u kellu laqgħa flimkien mal-Kunsillier Mario Ellul mal-Ministeru fejn ġie nfurmat li ż-Żurrieq għas-sena 2010 mhu ser jieħu l-ebda triq bit-tarmakk u għas-sena li ġejja għad iridu jsiru diskussjonijiet.

1.4.5 Il-membru Joseph D'Amato qal li jħossu ddispjaċut u jrid juri d-diżapprovazzjoni tiegħu minħabba li l-Kunsill ma ġiex infurmat li ser isiru toroq bit-tarmakk f'din is-sena, wara l-ħafna laqgħat li għamel.

## 2 Budget

2.1 Kien hemm qbil li s-Segretarju Eżekuttiv tagħti rendikont tal-budget li jista jonfoq il-Kumitat Amministrattiv u xi spejjeż involuti hemm mill-kuntratti li jridu jsiru bilfors.

## 3. Pjanti tal-Ġonna li huma ppjanati f'Bubaqra

Is-Segretarju Eżekuttiv tgħat il-pjanti hekk kif approvati mill-MEPA lill-membri kollha tal-Kumitat Amministrattiv tal-proġetti ta' Triq il-Qiegħa u Triq l-Iskulturi Fabri.

Il-membru Joseph D'Amato nforma lill-Kumitat Amministrattiv li fir-rigward tal-proġett ta' Triq il-Qiegħa għad m'hemmx l-approvazzjoni tal-art mid-Dipartiment tal-Artijiet.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li waqt l-aħħar seduta tal-Kunsill kien hemm qbil li tinħareġ tender waħda għal tali proġetti u fissret iż-

żmien li jittieħed sakemm jinbeda x-xogħol. Hi żiedet tgħid li l-Perit Anthony Bezzina ta parir lill-Kunsill biex l-ewwel jinbeda l- proġett ta' Triq l-Iskulturi Fabri kemm minħabba li għad m'hemmx approvazzjoni tal-art tal-proġett ta' Triq il-Qiegħa u kemm għax tali proġett u l-orħos wieħed.

Kien hemm qbil unanimu li l-Kumitat Amministrattiv japplika għall-iskema li għada kemm inħarġet f'Memo 94/2010 – Skema ta' Finanzjament għall-proġetti u inizjattivi mill-kumitati amministrattivi fil-lokalitajiet tagħhom inizjattivi mill-Kumitati Amministrattivi fuq il-proġett ta' Triq il-Qiegħa, filwaqt li l-Kumitat Amministrattiv jibqa jinsisti mad-Dipartiment tal-Artijiet fuq l-art.

Il-membru Joseph D'Amato qal li l-Kunsill diġa għandu fanali għal tali proġetti.

Il-membru Joseph D'Amato qal li wara ħafna lmenti, l-Kunsill kien qabel li ssir Triq Dun Salvatore Magri ssir 'one way'. Kien hemm qbil li tinkiteb it-talba lit-TM.

**4. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni : Xogħlijiet u Servizzi**

Ic-Chairperson ġibed l-attenzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv fuq ħmieg li hemm fejn il-kamra tan-nar tas-Soċjeta Mużikali Santa Katarina.

Iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni fuq iż-żewġ *pedestrian crossings* li l-Kunsill u t-TM kien approva fi Vjal l-Indipendenza, kien hemm qbil li jinġabru kwotazzjonijiet fuq 4 bellishia lights, crossing u tabelli.

Il-membru Joseph Caruana talab biex isiru *double yellow lines* fil-kantunieri tat-toroq ta' Bubaqra. Hu ssuġġerixxa biex isir traffic management fi Triq Sant Agatha k/m Triq San Martin. Kien hemm qbil fuq dan.

Il-membru Joseph Caruana qal li knies f'Bubaqra mhux qed isir kullimkien u l-ġbir tal-iskart qed idum aktar min-nofsinhar. Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' dan.

Il-Viċi Chairperson qalet ġibdet l-attenzjoni fuq dawn l-ilmenti u suġġerimenti – Fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq Bubaqra hemm kanna tal-ilma maqsuma, fi Triq Santa Fawstina hemm bozza tixgħel u titfi, bżonn li jsiru ATM f'Bubaqra mil-banek ewlenin.

Il-membru Annetto Bugeja għamel suġġerimenti li l-Kumitat Amministrattiv jibgħat ittra ta' ringrazzjament lill-membri kollha tas-Sotto Kumitat li kien jieħu ħsieb Bubaqra, qabel dan il-Kumitat Amministrattiv. Kien hemm qbil unanimu fuq dan.

Il-membru Annetto Bugeja ssuġġerixxa li l-Kumitat jieħu ħsieb l-postijiet storiċi ta' Bubaqra fosthom il-palazz li hemm fil-Misraħ.

5. **Appuntament għas-Seduta li jmiss**

Id-data tal-laqgħa li jmiss fuq qbil bejn il-membri ser issir nhar il-Ħamis 22 ta' Lulju, 2010 fil-5.30pm

Il-laqgħa spiċċat b'dan l-item fuq l-aġenda fis-7.45 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum __ ta' Lulju, 2010

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**